**Minuti tat-tnax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2013, fil-5.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is-Sur Joseph Bajada u<br>Is-Sinjura Maria Cassar Sultana<br>Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel u wara li saru l-emendi msemmija ġew approvati mill-Kunsill.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Measure 125. Is-Sindku qal li GAG infurmawh li l-Kunsill ħa l-fondi li huma madwar €19,975 ekluża l-VAT għax-xogħol fi Triq Bardan. Huwa qal li ser isiru sistema tad-drenaġġ għar-raħħala u bdiewa u dawn ser isiru min-naħħa tal-Ministeru għal-Għawdex. Il-laqgħa ġiet posposta għal 25 ta' Novembru. Huwa ippropona li dawn il-fondi jiġu miżjuda ma tal-Ministeru u isir dan il-proġett sħiħ. Il-Kunsill ħa lura madwar €18,000 minn UIF u għad baqa niġbru xi fondi minn dan.

2. Il-Kunsil irċieva korrespondenza minn għand l-ARMS Ltd li għandna nieħdu €894.07 creditu jikkonċerna il-monument/funtana fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Is-Sindku qal li wasal kont mingħand ARMS Ltd indirizzat lil Environment Dept Gozo tal-Public Convenience ta' Triq Sannat li hu ta' €3,267.79. Dan hu rizultat tal-akkumilazzjoni. Is-Sindku issugerixxa li l-kont jitħallas sakemm il-Ministeru għal-Għawdex jagħti għajnuna fir-refurbishment tal-latrina. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir.

3. Is-Sinkdu qara r-rapport li ħejja il-bord dwar ic-CCTV. Huwa qal li il-bord jirrikkomenda lil Solar Engineering Ltd. Il-Kunsill qabel li jimxu mar-rakkomendazzjoni tal-bord.

4. Dwar il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill qabel li għandna inkellmu lid-dipartiment biex naraw li l-kandidati huma eliġibli u l-bord għandu jiltaqgħa fil-11 ta' Dicembru fil-5.00 p.m. Il-bord ser ikun magħmul mill-Kunsilliera kollha u id-Deputat Segretarju ser ikun membru ex-uffiċċjo.

5. Is-Sindku semma li diskussjonijiet għandhom isiru fuq il-mejda tal-Kunsill. Hu xtaq jiġbed l-attenzzjoni li dak li jiddeċidi l-Kunsill għandu jkun biss li jsir. Huwa qal li kull kunsillier ghandu jimxi skond d-deċizzjoni tal-Kunsill u ma għandux ikun hemm min jieħu deċizzjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

6. Is-Sindku qara r-rapport tal-bord tal-evaluazzjoni tal-manutensjoni tal-Ġnien tal-playing field. Is-Sindku qal li l-bord jirrakkomanda lil Sannat Lions F.C. Huwa qal li Sannat Lions F.C. diġa għandhom żewg kuntratti u għalhekk jixtieq li l-Għaqda tal-Armar jieħdu dan it-Tender 03/0013. Huwa qal li Sannat Lions F.C. qegħdin jaqgħu lura fil-knis tal-lokalita'. Huwa qal li s-servizz li qieghed jingħata hu ta' livell baxx. Għalhekk huma rrakkomanda li dan il-kuntratt jingħata lil Għaqda tal-Armar bi prova għal sena u jġedded għal tlett snin. Is-Sindku qal li għanda ssir laqgħa ma' Sannat Lions F.C. biex juri d-dispjaċir tiegħu għas-servizz. Il-Kunsillier Joseph Bajada semma li ħu ma jaħsibx li ħuwa għaqli li ma tingħatax lil l-orħos offerta għaliex huwa jemmen li l-orħos offerta għandha dejjem tingħata. Il-Kunsill ivvota u kien hemm erbgħa favur l-Għaqda tal-Armar u vot wieħed favur Sannat Lions F.C.

7. Is-Sinkdu semma l-ambaxxatur tal-Kunsill u rrikkomenda lil AnnaMarie Gauci. Din diga tirraprezenta lil Sannat f'xi festivals tal-kant. Barra minn hekk ghandha xi ħbieb li huma ambaxxaturi fil-Kunsilli l-oħrajn. Il-Kunsill qabel li sir Ms. Gauci. Is-Sindku qal li ser jiltaqgħu ma' l-Onor. Dr. Jose' Herrera. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir

8. Quotations tad-dekorazzjonijiet tal-Milied. Kien hemm offerta waħda ta' Michael Bugeja. Kien hemm żewġ options. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-orħos wahdha (Option 1) li tiswa €1950.

9. Kien hemm tlett quotations tal-online streaming – Smart Techonologies Ltd., Correct Termination Ltd. u Aid Ltd. Il-Kunsill qabel li tohrog Tender billi inqabez it-trash hold.

10. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jibda il-proċess biex joħorgu il-quotations biex titranġa l-gallarija tal-Kunsill peress li qed jidħol l-ilma tax-xita minnha. Il-Kunsill qabel li nimxu b'dan il-mod.

11. Dwar il-Merchant Account il-Kunsill qabel li għandhom imorru is-Sindku u s-Segretarju l-banek lokali u jagħmlu il-proċess neċessarju. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir

12. Dwar Notte Scarlata is-Sindku qabel li għandu isir Rock Festival li ikun hemm numru ta' Bands Maltin u Għawdxin li jdoqqu. Is-Sindku semma li jista jsir nar tal-ajru sinkronizzat mad-daqq. Huwa qal li ser jiddiskuti d-dettalji mal Kunsillier Joseph Bajada. L-applikazzjoni qiegħed jimlija is-Sindku. Ser ikun hemm vintage car show ukoll bħas-snin ta qabel. Il-Kunsilliera Maria Cassar qalet li tixtieq li sir serata għal folk groups. Is-Sindku semma liil-Kunsill tal-Qala diga jagħmel din l-attivita.

13. Is-Sindku semma li s-servizz tal-Accountant ser ikun għafdat lill-Apex Ltd. Dan għaliex ħafna mix-xogħol jagħmlu s-segretarju għalhekk ma hemmx xi spejjez kbar. Il-Kunsill qabel ma dan.

14. Is-Sindku semma il-guided reading bl-Ingliz u bil-Malti mis-Sinjura Janet Kean u l-Viċi Sindku Frances Galea. Il-Viċi Sindku offriet is-servizzi tagħha b'mod volontarju lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan

**Ilmenti**

1. Is-Sur Marvic Hili li joqgħod Golden Rose, Triq Dun Luqa qed jitlob biex isir patching quddiem il-Bus Shelter fi Triq Ta' Cenc care/of Triq Dun Luqa. Ser isir xi xogħol tal–KSI u għalhekk l-ewwel triq isir laqgħa mas-CEO.
2. Is-Sur Sam Theuma li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ across 5 Ċenċ Steet qed jitlob biex issir bankina mar-residenza tiegħu. Ix-xogħol ser isir.
3. Is-Sur David Ellul qed jilmenta li meta tagħmel ix-xita fi Triq il-Pinnur qed iżomm l-ilma taħt il-bankina tiegħu. Il-Kunsill innota l-kontenut.
4. Il-librara Josette Galea qed titlob computer desk u siġġu għal Public Internet Point peress li hemm hu baxx. Ix-xogħol għandu jsir.
5. Is-Sur Mario Saliba li joqgħod Ave Marjia, fi Triq l-Isqof D. Cocco Palmieri, qed jitlob li jitwaħħal bank fil-Pjazza flok dak miksur. Ix-xogħol għandu jsir.
6. Is-Sur Joseph Vella li joqgħod 65 Margear, fi Triq Saguna qed jilmenta dwar it-tibdil tal-ħin tax-xitwa tal-Arriva persss li huwa student u l-ħin tas-7.35a.m. Kien adekwat għall-istudenti u issa ser jinbidel. Għandha tiġi mibgħuta email lil-Arriva u Transport Malta.
7. Is-Sur Joseph Mizzi li joqgħod Pepprina fi Triq Ta' Ċenċ qed jilmenta li Triq Ta' Ċenċ mhix tinkines. Għanha inkellmu lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika – Ministeru għal Għawdex.
8. Il-librara Josette Galea qed titlob biex jergghu jibdew l-Story Telling fil-Kunsill Lokali. Din diġa ġiet diskussa f'din il-laqgħa stess.

9. Marvic Hili talab li quddiem id-dar tiegħu qed iżżomm l-ilma u qed jaqleb fuq id-dar tiegħu b'konsegwenza li qed issirlu il-ħsara fil-granit tat-taraġ. Qed jitlob li l-ħofra ta quddiem id-dar tiġi ppeċjata. Ix-xogħol għandu jsir.

10. Carmen Galea ta' 27, Triq Xabbata qed titlob li jsir railing mad-dar tagħha. Ser jinxtraw il-kanen biex sisru ir-rails li hemm bżonn.

11. Victor Tabone propjetarju ta' flats fi Triq Saguna talab li jitwaħħlu żewġ bozzoz għaliex hemm hafna dlam f'din iz-zona u oħra ma arblu tad-dawl eżiżtenti. Il-Kunsill qabel li ssir bozza.

12. Il-Kunsill qabel li għandha issir (n) shape fejn il-bieb iż-żgħir tal-knisja parokkjali għax hemm il-possibilta li jaqgħu l-anzjani peress li l-bankina hi ftit għolja.

13. Il-Kunsill qabel li għandu isir *patching* tat-tarmac fi Triq l-10 ta' Ottubru għax hemm xi ħofor.

14. Il-Kunsill qabel li għanda isir bozza fil-limiti tal-Ġruwa għaliex hemm id-dlam.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.55 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 11 ta' Diċembur 2013, fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**